4 t'Ottubru 2019

Il-President u Membri,

Kumitat għar-Riforma tal-Kostituzzjoni

*Nizzi ħajr lill-E.T. Dr George Vella, President tar-Repubblika ta' Malta, talli ta din l-opportunità liċ-ċittadini biex jesprimu l-opinjoni u s-suġġerimenti tagħhom dwar riforma fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna.*

Nixtieq nissottometti dawn il-ftit ħsibijiet dwar l-imsemmija riforma.

**Ħtieġa għal bidla u mhux irtokk fil-Kostituzzjoni**

Il-Kostituzzjoni attwali hija riżultat ta' żvilupp kostituzzjonali ta' matul dawn l-aħħar mitt sena. Kull waħda suċċessiva inbniet fuq dik ta' qabilha. Kollha kienu mnebbħin prinċipalment mill-prassi kostituzzjonali Ingliża. Jidhirli li wasal iż-żmien li jkollna Kostituzzjoni ġdida u mhux sempliċement irtokk jew *update* ta' dik attwali. Bħal fl-Ingilterra il-Prim Ministru ta' Malta għandu poteri kbar u estensivi. Naħseb li hija opinjoni komuni li għandu jkun hawn iżjed qsim u bilanċ ta' poter. Malta hija Repubblika Parlamentari. Nissuġġerixxi li qsim aktar bilanċjat ta' poter jintlaħaq jekk Malta ssir Repubblika Semi-Presidenzjali li tixbaħ kemmxejn lil Franza.

**Malta Repubblika Semi-Presidenzjali**

Dan billi l-President tar-Repubblika u l-Viċi tiegħu/tagħha jiġu eletti mill-poplu għal mandat wieħed ta' seba' snin bis-sistema *single transferable vote* b'maġġoranza (kwota) ta' 50% + vot. (Dan biex jiġi evitat telf ta' ħin u flus bil-ballottaġġ.)

Il-President tar-Repubblika jibqa' jkollu funzjonijiet preżenti, iżda peress li jkun imtella' mill-poplu jassumi wkoll rwol eżekuttiv fl-oqsma li għandhom jidhru li qed jitmexxew b'mod imparzjali, jiġifieri jkollu taħt idejh it-tmexxija tad-dikasteri tal-Ġustizzja u l-Intern bl-għajnuna ta' Segretarji Permanenti. It-terminu ta' seba' snin intiż biex il-President jittragetta l-affarijiet tal-istat bejn leġislatura u oħra (li jibqgħu ta' ħames snin). Bi qbil mal-Prim Ministru u Kap tal-Oppozizzjoni, jew b'vot ta' tnejn minn dawn it-tliet awtoritajiet, il-President jaħtar il-Karigi li għandhom x'jaqsmu mal-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali, il-Kummissjoni Elettorali u l-Awtorità tax-Xandir. Il-Kostituzzjoni għandha tistipula vot ta' persentaġġ minimu mill-Estmi tal-Gvern għat-tmexxija tal-Uffiċċju tal-President (per eżempju mhux inqas minn 15% tal-baġit).

F'każ ta' mewt jew indispożizzjoni fit-tul tal-President, il-Viċi President jieħu l-kariga ta' Aġent / President. Il-Viċi President ikun Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

**Rigward l-elezzjonijiet għall-Parlament**

Ma naqbilx li għandu jkun hemm kwota ggarantita fil-Parlament in rappreżentanza ta' xi settur tal-poplu bħalma qed jissemma' li għandu jkun hemm għal ġens(ġeneru/sess) li jtella' ftit Membri fil-Parlament. Dan għal diversi raġunijiet fosthom li:

Jidħol preċedent ta' kategorizzazzjoni tal-poplu, meta l-Parlament għandu jirrappreżenta lill-poplu mingħajr distinzjoni. Bl-istess raġunament, iż-żgħażagħ, xjuħ u nies

ta' mezza età ikunu jistgħu jitolbu kwota ta' siġġijiet. Jew li nies ta' dizabilità, jew ta' kategoriji ta' nisa jew irġiel tad-dar, studenti, jew ħaddiema f'diversi oqsma jkunu jistgħu jagħmlu l-istess.

Biex tintlaħaq kwota id-deputati jiżdiedu u l-Parlament jikber meta ġa għandna *over-representation* qawwija f'Malta. (deputat għal kull 7,600 ruħ, meta fil-Lussemburgu wieħed għal kull 10,231; fl-Italja wieħed għal kull 64,049; u fl-Istati Uniti, *Congressman* għal kull 611,396 ruħ).

Jista' jagħti l-każ li deputat tal-ġens kumpensat ikun elett bi ftit voti, u kandidat tal-ġeneru mhux kumpensat jibqa' mhux elett anke jekk iġib xi 2,500 vot!

Jista' jagħti l-kaz li jkun hemm kandidati li ma jidentifikawx irwieħom ma' sess partikolari.

Biex ikun evitat kemm jista' jkun li partit politiku jkollu maġġoranza tal-voti popolari u minoranza ta' siġġijiet parlamentari, għandhom jibqgħu fis-seħħ il-klawsoli attwali ta' kumpens. Iżda jkun iktar diffiċli li sitwazzjoni anomala bħal din tirrepeti ruħha jekk jidħol fis-seħħ dan li ġej:

Għall-finijiet tal-elezzjonijiet għall-Parlament, Malta tinqasam f'6 distretti li jtellgħu 10 Membri kull wieħed. Għawdex itella' 5 Membri. Kandidat jista' joħroġ għal distrett wieħed biss. L-eletturi f'kull distrett ta' Malta ma jistgħux ikunu inqas jew iżjed minn 5% tal-medja tad-distretti ta' Malta. Issir reviżjoni tad-distretti kull sentejn. In-numru ta' Membri Għawdxin jista' jitla' għal 7 jew 9 skont l-eqreb parità mal-kwota medja ta' Malta. Għawdex dejjem itella' numru fard ta' membri biex it-total nazzjonali dejjem jibqa' fard ukoll.

B'din is-sistema, 'jintilfu' inqas kwoti għax hemm inqas distretti u anke peress li n-numru ta' kandidati eletti f'kull distrett huwa par (10).

**Rigward in-newtralità ta' Malta**

Peress li baqgħax lok għal non-allinjament bejn iż-żewġ super potenzi fix-xenarju internazzjonali, jidhirli li Malta għandha tkun sempliċement dikjarata kostituzzjonalment bħala...

'...newtrali u promotriċi attiva tal-paċi bejn il-popli kollha tad-dinja.'

**Rigward il-prinċipji bażiċi**

L-artikli li għandhom x'jaqsmu mal-prinċipji fundamentali tal-bniedem għandhom jibqgħu intatti fil-Kostituzzjoni. Jistgħu jiżdiedu :

Kull cittadin Malti għandu dritt għax-xogħol skont il-kapaċitajiet tiegħu/tagħha;

Kull ċittadin Malti għandu d-dritt li jgħix ħajja dinjituża u ferħana;

Kull ċittadin Malti għandu dritt igawdi l-ambjent naturali Malti...

... għalhekk dan għandu jkun imħares u protett billi fiż-żoni kollha li llum huma parti miż-Żona Barra l-Iżvilupp (*ODZ*) ikun dikjarat li permanentement, inekwivokabbilment u irrevessibbilment, ebda żvilupp urban, speċjalment bini, ma jista' jsir fihom u ma jintlaqa' ebda likazzjoni għal żvilupp urban fihom.

Kull ċittadin jew organizzazzjoni jistgħu jitolbu li jsir referendum propositiv jew abrogattiv jekk ikollhom l-appoġġ ta' 10% tal-elettorat b'firem validati u awtentikati mill-Qorti Kostituzzjonali.

**Rigward it-twettiq u l-ħarsien tal-istess Kostituzzjoni**

Din il-Kostituzzjoni tidħol fis-seħħ u tista' tinbidel biss b'vot ta' żewġ terzi fil-Parlament u maġġoranza ta' 50% u vot f'referendum popolari.

Din il-kostituzzjoni torbot b'mod ugwali kwalunkwe ċittadin, organizzazzjoni (pubblika u privata) u awtorità. Dawn kollha ukoll jistgħu jiftħu kawża kostituzzjonali kontra kwalunkwe ċittadin, organizzazzjoni (pubblika jew privata) jew awtorità li jidhrilhom li kisru l-istess Kostituzzjoni.

Is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali għandhom jidħlu fis-seħħ u jkollhom effett immedjat *erga omnes*.

Filwaqt li nirringrazzjakom tal-attenzjoni, nitlobkom tibagħtuli rċevuta ta' din is-sottomissjoni bil-posta normali jew elettronika u biex tgħodduni,

tagħkom b'rispett,

Anthony Quintano